MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 564/2010

**Intercomp Marketing Limited**
**(C – 20612)**

**vs**

**Domnic Mercieca**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici, li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici, is-somma ta’ sitt mija u tmienja u disghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€698.47), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ *computer hardware* mixtri minghand is-socjeta’ attrici.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-konsenja, cioe’ mis-26 ta’ Jannar, 2009.

Ra li fis-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2010, il-konvenut ammetta t-talbiet kif dedotti u kkonferma li sallum ma kienx ghadu ghamel pagament.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tmienja u disghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€698.47), ammont dovut in konnessjoni ma’ *computer hardware* mixtri minghand is-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------